# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 10 ta' Ottubru, 2023.**

**Numru 23**

**Rikors numru 385/22/1 AF**

**Charles Grech**

**v.**

**Spiridione u Anna konjugi Bondin**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-attur Charles Grech kontra l-provvediment tal-Ewwel Qorti tal-24 ta' April, 2023, fejn laqgħat l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti Bondin u ordnat is-soprasessjoni tal-kawża odjerna, billi ħalliet il-kawża *sine die*, riappuntabbli wara d-deċiżjoni fil-kawża bin-numru 24/2021 JPG fl-ismijiet **Vanessa Grech v. Charles Grech**.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf imressaq fis-6 ta' Mejju, 2022, Charles Grech fisser illi huwa kien miżżewweġ lil Vanessa Grech, ċjoè bint il-konvenuti appellati, fejn l-istess Vanessa Grech għaddiet għall-ħajja aħjar fis-6 ta' Marzu, 2021. Jirriżulta illi d-defunta Vanessa Grech irregolat is-suċċessjoni tagħha permezz tal-aħħar testment pubbliku datat 4 ta' Ġunju, 2020, ippubblikat fl-atti tan-Nutar Dr. Ritianne Bugeja Fenech. Permezz ta' dan it-testment, Vanessa Grech, filwaqt li ħassret kull testment ieħor li sar minnha fil-passat, hija nnominat lill-ġenituri tagħha bħala l-uniċi eredi universali tagħha u ddiżeredat lill-attur żewġha.

3. L-attur jispjega illi: (i) mhux kull għemil li jitqies offensiv mit-testatur għandu jagħti raġuni għad-diżeredazzjoni, (ii) ir-raġuni għad-diżeredazzjoni skont **Artikolu 623 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta**, trid tissemma espressament fit-testment u l-prova tagħha trid issir minn min jallega l-istess, (iii) it-tielet (3) Artikolu fit-testment ta' Vanessa Grech ma jirrispettax dak stipulat fil-liġi, u b'hekk ma huwiex legalment validu, (iv) huwa jiċħad bil-qawwa l-allegazzjoni deskritta fit-tielet (3) Artikolu tat-testment inkwistjoni, u *se mai* għandha tiġi ppruvata fit-termini tal-**Artikolu 625 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta**. Għalhekk talab lill-Ewwel Qorti sabiex:

*"1. Tiddikjara d-disposizzjoni testamentarja magħmula mit-testatriċi Vanessa Grech fit-testment datat l-4 ta' Ġunju, 2020, in atti tan-Nutar Pubbliku Dr. Ritianne Bugeja Fenech fit-Tielet Artikolu, fejn l-istess testatriċi ordnat d-diżeredita' tal-attur għar-rġuni hemmhekk imfissra bħalanulla u inattendibbli u konsegwentament tħassar l-effetti kollha tagħha u tal-effetti kollha aċċessorji u konsegwenzjali minnha derivanti;*

*2. Tiddikjara illi l-attur jispettalu, skond il-liġi, il-porzjon riżervata;*

*3. Tillikwda l-assi ereditarji tad-defunta Vanessa Grech billi tiddikjara l-konsistenza tal-assi tal-istess Vanessa Grech li jirriżultaw spettanti lilha fid-data tal-mewt tagħha;*

*4. Tillikwida l-porzjon riżervata dovuta lill-attur;*

*5. Tikkundanna lill-konvenuti solidament jidhru fuq l-att relattiv għal-likwidazzjoni u ħlas u/jew assenjazzjoni tal-porzjon riżervat fuq imsemmija u kif likwidata;*

*6. Tikkundanna lill-konvenuti solidament jidhru fuq l-att relattiv għal-likwisdazzjoni u ħlas u/jew assenjazzjoni tal-porzjon riżervat fuq l-imsemmija u kif likwidata;*

*7. Tiffissa ġurnata, ħin u lok għal publikazzjoni tal-att relattiv u tinnomina nutar pubbliku għall-istess fini u kif ukoll kuraturi deputati biex jidhru fuq il-kuntratt għall-eventwali kontumċi fuq l-istess att pubbliku;*

*8. Tagħti kull ordni jew direttiva u/jew takkorda kull rimedju li jinħass xieraq fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ fid-dawl tat-talbiet attriċi.*

*Bl-ispejjeż ġudizzjarji kontra l-istess konvenuti, li huma minn issa msejħa għas-subizzjoni tagħhom, u salv kull azzjoni oħra jew uterjuri spettanti lill-attur skont il-liġi".*

4. Il-konjuġi Bondin ġew debitament notifikati nhar is-6 ta' Ottubru, 2022, u flimkien ressqu r-risposta maħlufa tagħhom datata 24 ta' Ottubru, 2022, fejn fl-ewwel lok qajmu eċċezzjoni preliminari għas-soprasessjoni tal-kawża odjerna sakemm tiġi deċiża l-kawża pendenti quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) bin-numru 24/2021 JPG fl-ismijiet **Vanessa Grech v. Charles Grech**, filwaqt li fil-mertu huma saħqu illi t-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt, bil-konsegwenza li għandhom jiġu

mićħuda.

5. Nhar l-24 ta' April, 2023, l-Ewwel Qorti tat il-provvediment tagħha dwar l-eċċezzjoni tal-konvenuti, fejn laqgħat l-imsemmija eċċezzjoni u ordnat is-soprasessjoni tal-kawża odjerna, u ħalliet il-kawża *sine die*, riappuntabbli wara d-deċiżjoni tal-kawża bin-numru 24/2021 JPG. Is-siltiet l-aktar rilevanti ta' dan il-provvediment huma dawn:

> *"Ikkunsidrat illi l-kawża odjerna tittratta essenzjalment klawsola ta' diżereditazzjoni li ġiet inkluża fit-testment ta' Vanessa Grech, konjuġi, llum defunta, ta' Charles Grech.*
>
> *Jirriżulta illi bejn id-defunta u żewġha kienu nbdew proċeduri ta' separazzjoni personali, liema proċeduri għadhom pendenti u li fihom l-atti ġew leġittimati favur Spiridione u Anna, konjuġi Bondin, ġenituri u eredi tad-defunta binthom. Fl-imsemmija kawża ta' separazzjoni l-attrici llum defunta talbet, inter alia, illi l-Qorti:*
>
>> *"Tapplika kontra l-intimat, interament jew in parti, ddisposizzjonijiet tal-Artikoli 48 sa 53 tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, tistabilixxi data minn meta l-istess intimat ghandu jkun ikkunsidrat li minnu kien hati tal-firda u ddekada mill-jeddijiet imsemmija inoltre illi lintimat mhux biss tilef ukoll kull jedd ghan-nofs tal-akkwisti li saru wara d-data stabbilita minn din l-Onorabbli Qorti bhala d-data meta l-intimat irrenda ruhu hati tal-firda, liema akkwisti ghandhom jibqghu kollha ghall-attrici, u ghal dan liskop ghandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taz-zewg partijiet skond l-Artikolu 3 tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 talLigijiet ta' Malta. Inoltre din l-Onorabbli Qorti hija mitluba illi tiddikjara illi l-intimat ddekada mid-dritt li jitlob manteniment mill-attrici".*
>
> *Permezz ta' din il-kawża, mill-banda l-oħra r-rikorrenti qiegħed jitlob li tigi moghtija lilu l-kwota rizervata li l-ligi takkorda lillkonjugi tad-defunt.*
>
> *L-intimati jsostnu li l-Qorti ghandha tistenna sakemm tigi deciza l-kawza ta' separazzjoni u tkompli skond l-ezitu ta' dik il-kawza.*
>
> *Is-soprassessjoni hija miżura straordinarja f'ċirkostanzi eċċezzjonali li min-natura intrinsika tagħha għandha l-effett, allavolja mhux mixtieq, li ttawwal il-proċeduri li jiġu sospiżi. Il-kejl dwar jekk is-soprassessjoni hiex meħtieġa jew le jiddependi minn kemm il-Qorti li tiġi rinfaċċjata b'talba simili hiex tal-fehma illi l-amministrazzjoni tal-ġustizzja tiġi effettwata negattivament jekk qabel tiddeċiedi l-każ li għandha quddiemha ma jkunx qabel xejn deċiż il-mertu tal-kawża l-oħra. (**AC***

***Fuels Limited vs Anthony Schembri et**, deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta, fid-29 ta' Ottubru 2019).*

*Il-Qrati tagħna dejjem użaw kawtela kbira qabel ikkonċedew soprasessjoni f'kawża u dan in vista tar-riperkussjonijiet li din inevitabilment iġġib magħha. Infatti din il-miżura tintuża biss f'każijiet eċċezzjonali. Ingħad hekk fil-każ **ta' John Debono et vs Mario Buhagiar et**, deċiż fil-21 ta' Jannar 2016.*

> *"Illi huwa aċċettat li s-soprasessjoni tista' b'mod eċċezzjonali tingħata meta tali smigħ fl-istess waqt ta' żewġ kawżi ma jkunx jista' jsir, iżda, billi hija eċċezzjoni għar-regola ġenerali li kull kawża għandha tinstama' sakemm tiġi maqtugħa, trid tingħata dejjem taħt kundizzjonijiet li għandhom ikunu serji biżżejjed biex dan isir. Kemm hu hekk, ingħad saħansitra f'sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali, li leċċezzjoni tas-soprasessjoni fis-sens li l-Qorti għandha tieqaf milli tkompli tisma' kawża bħala tali, fis-sistema proċedurali tagħna, mhijiex kontemplata għaliex l-eċċezzjoni li l-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jikkontempla hija l-eċċezzjoni magħrufa bħala lis alibi pendens u din l-eċċezzjoni tipprospetta neċessarjament li jkun hemm żewġ kawżi għaddejjin fl-istess waqt pendenti quddiem il-qrati li jkollhom l-istess mertu;*
>
> *Illi huwa minħabba f'hekk li l-Qrati jqisu s-soprasessjoni bħala provvediment ordinatorju mħolli fid-dehen tal-Qorti li quddiemha titressaq talba bħal dik. Provvediment bħal dan huwa meqjus bħala wieħed interlokutorju u, għalhekk, ma jorbotx lill-Qorti li tkun tatu jekk tqum il-ħtieġa li tibdel ilfehma tagħha aktar 'il quddiem, jekk tintwera raġuni tajba biex tagħmel dan;*
>
> *Illi għalhekk ukoll, il-provvediment tas-soprasessjoni jitqies bħala pass mhux ordinarju li jissospendi s-smigħ ta' kawża, meta n-norma hija, kif ingħad, li kawża li tinbeda għandha tinstama' sa ma tinqata'. Kemm hu hekk, il-provvediment tas-soprasessjoni tqies bħala wieħed "alejatorju" li, minħabba t-termini ebsin tal-Kodiċi Proċedurali dwar is-smigħ tagħhom, jista' jwassal għad-deżerzjoni tal-proċeduri mwaqqfa. Għal bosta snin, il-Qrati tagħna sabu li t-twaqqif ta' smigħ ta' kawża biex tistenna l-eżitu ta' kawża oħra li diġa' tressqet jew sakemm titressaq waħda fuq punt eċċezzjonali huwa rakkomandat biss fil-każ meta jkun hemm lok għas-soluzzjoni ta' xi punt li minnu tabilfors tiddependi lkawża li sejra titwaqqaf;*
>
> *Illi fuq kollox, il-Qorti ma għandhiex tordna s-soprasessjoni jekk kemm-il darba jintwera li l-parti l-oħra tkun sejra ġġarrab preġudizzju minħabba d-dewmien".*

*Fid-dawl ta' dawn il-prinċipji regolatorji din il-Qorti hija tal-fehma li ma tistax loġikament tingħata deċiżjoni f'din il-kawża sakemm ma tkunx deċiża l-kawża pendenti quddiem il-Qorti tal-Familja fejn, f'każ ta' eżitu favorevoli għar-rikorrenti hemmhekk, jiġi mxejjen kull dritt illi qiegħed jippretendi r-rikorrenti f'din il-kawża.*

*Għaldaqstant, f'dawn iċ-ċirkostanzi, l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-ewwel eċċezzjoni ta' Spiridione u Anna konjugi Bondin u tordna li din*

*il-kawża titħalla sine die riappuntabbli wara d-deċiżjoni fil-kawża Nru. 24/2021/JPG.*

*L-ispejjeż jibqgħu riżervati għall-ġudizzju finali".*

6. L-attur appella minn dan il-provvediment u dan fit-termini tal-**Artikolu 229 (2)(e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, b'rikors imressaq fit-28 ta' April, 2023, fejn talab lil din il-Qorti:

*"tirrevoka u tħassar id-digriet appellat mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-24 ta' April, 2023, fil-proċeduri fl-ismijiet fuq premessi u minflok tgħaddi biex tiċħad l-eċċezzjoni preliminari (viz. soprasessjoni) tal-imħarrkin, bl-ispejjeż ta' dan l-espisodju kontra l-istess imħarrkin".*

Jirriżulta illi l-aggravju mressaq f'dan ir-rikors huwa wieħed, ċjoè li fil-fehma tiegħu *«ma kien hemm xejn, fattwalment jew legalment, li kien jimmerita jew li kien jiġġustifika l-waqfien tal-kors tal-preżenti kawża (viz. diżeredazzjoni) minħabba li preżentament hemm pendenti proċeduri quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) bejn l-odjern attur u dik li kienet martu (illum defunta).»*

7. Il-konjuġi Bondin ġew debitament notifikati bir-rikors tal-appell fl-10 ta' Mejju, 2023, u wieġbu għalih b'risposta datata 25 ta' Mejju, 2023, fejn fl-ewwel lok u preliminarjament qajmu n-nullità tal-appell odjern, filwaqt li fil-mertu, talbu lil din il-Qorti sabiex tiċħad dan l-appell bil-konsegwenza li l-provvediment tal-Ewwel Qorti tal-24 ta' April, 2023, jiġi kkonfermat.

8. Il-Qorti wara li rat l-atti kollha tal-kawża, tqis li m'hemmx il-ħtieġa li

tqiegħed dan l-appell għas-smigħ u b'hekk sejra tgħaddi minnufih għas-sentenza bis-saħħa tal-**Artikolu 152 (5) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**.

**Konsiderazzjonijiet:**

9. Ġaladarba jekk tintlaqa' l-eċċezzjoni mqajma mill-konjuġi Bondin dwar in-nullità tal-appell odjern, l-appell jieqaf hawn, din il-Qorti sejra tibda billi tqis din l-eċċezzjoni.

10. Fir-risposta tagħhom, il-konjuġi Bondin jeċċepixxu n-nullità tal-appell tal-attur, għaliex skonthom dan l-appell ma kellux isir fit-termini tal-**Artikolu 229 (2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta** peress illi:

(i) il-provvediment tal-Ewwel Qorti għandu jikkwalifika bħala sentenza u mhux digriet, u dan skont l-intendiment tal-Ewwel Qorti stess, b'dana illi l-attur kellu jsegwi l-proċedura kontemplata f'**Artikolu 231 tal-Kap. 12**;

(ii) iżda f'każ li din il-Qorti taqbel illi l-provvediment tal-Ewwel Qorti jikkwalifika bħala digriet, l-attur xorta waħda kellu jipproċedi skont **Artikolu 229 (3) tal-Kap. 12**.

11. Fid-dawl tal-premess, din il-Qorti, tara li fl-ewwel lok għandha

tiddetermina n-natura tal-provvediment mogħti mill-Ewwel Qorti fil-kuntest tal-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti appellati, ċjoè jekk hux sentenza jew digriet interlokutorju. Għalhekk, din il-Qorti qed tiġi, b'mod indirett, għal darb'oħra mitluba tindika x'inhi d-differenza bejn sentenza u digriet interlokutorju kif kontemplat fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta).

12. Kif ġie mgħallem fis-sentenza fl-ismijiet **Lawrence Ellul Sullivan *et noe* v. Lawrence Ciantar**:[1]

> *"Il-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jsejjaħ id-deċiżjonijiet li jingħataw mill-Qorti, daqqa digrieti u daqqa sentenzi. Huwa ovvju li hemm differenza bejn iż-żewġ tipi ta' deċiżjoni, u ġeneralment, id-distinzjoni ma tippreżenta l-ebda diffikolta'. Id-digrieti jinqasmu fi tnejn – dawk kamerali li allura ma jiġux ippronunzjati viva voce u dawk interlokutorji li jiġu ppronunzjati fl-udjenza matul l-andament tal-kawża. Id-digrieti kamerali, minħabba karatteristiċi tagħhom imsemmija, ma jistgħu qatt jiġu kkonsiderati sentenzi. Id-diffikolta' ta' distinzjoni, tista' kultant tirrikorri biss fil-każ ta' ċerti deċiżjonijiet – li ma jippermettux differenzazzjoni hekk netta bejn digriet interlokutorju u sentenza;*
>
> *(…)*
>
> *Id-distinzjoni, konsegwentement, għandha rilevanza fil-prattika proċedurali, u tirrikorri fil-każ preżenti:*
>
> *Il-forma li l-Qorti tagħti lid-deċiżjoni tagħha, ħafna drabi sservi ta' gwida għad-distinzjoni, pero' l-enfasi fil-ġurisprudenza dejjem saret fuq dak li kien l-art. 256 tal-Ordinanza VI/1854;*
>
> *L-**art. 230 Kap. 12** jiddisponi illi:*
>
>> *"Id-digrieti interlokutorji ma jagħmlux ġudikat għall-Qorti li tkun tathom, meta tinġieb raġuni sewwa, fil-fehma tal-Qorti, biex titbiegħed minnhom".*
>
> *Kwalunkwe deċiżjoni mogħtija minn Qorti, li ma tistax, mill-istess Qorti, tiġi rrevokata, «contrario imperio» - hija sentenza mhux digriet";*

[1] Deċiża mill-Qorti tal-Appell, fit-2 ta' Marzu, 1992.

13. Magħdud mal-premess, fis-sentenza fl-ismijiet **Philip O. Gatt *pro et noe* v. Adrian Busietta *pro et noe***,[2] ingħad illi:

> *"Illi m'hemm dubju li d-distinzjoni bejn digriet u sentenza għadha tiswa sal-lum il-ġurnata. Minbarra l-għażla tradizzjonali bejn digrieti interlokutorji u dawk kamerali, il-provvedimenti li għandhom min-natura ta' digriet jintgħarfu minn dawk li jikkostitwixxu sentenza prinċipalment minn jekk dawn jagħlqux il-kwestjoni li dwarha dak il-provvediment ikun ingħata. Huwa maqbul b'awtorita' li jekk deċiżjoni tagħlaq il-kwestjoni din tkun sentenza; jekk, min-naħa l-oħra, din tipprovdi dwar episodju jew aspett proċedurali matul il-kwestjoni, allura titqies bħala digriet[3]. Kif ingħad b'awtorita'[4], dak li jikkostitwixxi sentenza huwa d-definittivita' tagħha, fis-sens ta' quando terminat negotium de quo agitur, u tista' tkun ta' żewġ għamliet: jew li taqta' l-meritu tal-kwestjoni, jew li teħles lill-imħarrek milli joqgħod fil-kawża. Min-naħa l-o]ħa, d-digrieti ma jtemmux il-kwestjoni u jingħataw matul is-smigħ tal-atti bis-soluzzjoni ta' kwestjonijiet anċillari. L-iżjed karatteristika ewlenija fid-digriet hija li ma jikkostitwix ġudikat għall-qorti li tkun tagħtu, għall-kuntrarju ta' dak li jseħħ f'sentenza. Kien ukoll meqjus li meta f'provvediment il-Qorti tirriserva l-kap tal-ispejjeż għal stadju ieħor, dan ikun sinjal ċar li dak il-provvediment ikun digriet u mhux sentenza";*

14. Applikat il-premess għall-każ odjern, jidher ċar illi l-forma addottata mill-Ewwel Qorti biex issolvi l-kwistjoni tas-soprasessjoni tal-kawża odjerna sakemm tiġi deċiża l-kawża quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja), sollevata mill-konvenuti appellati permezz ta' eċċezzjoni preliminari, hija dik li normalment tintuża fis-sentenzi ta' dawn il-Qrati. Jirriżulta illi din il-forma ngħatat anke minħabba l-fatt illi l-Ewwel Qorti dejjem irreferiet għal dan il-provvediment bħala sentenza fil-verbali tagħha.

---

[2] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fid-9 ta' Mejju, 2002 (mhux appellata).
[3] 4 Ara Prof. Caruana *Notes on Civil Procedure* paġ. 1419; *Mattirolo Diritto Giudiziario*, Vol. IV, pp 16-7; u *Mortara Digesto Italiano* Vol XXI (voce "*Sentenza Civile*"), pag. 450 ff.
[4] App. Ċiv. 29.4.1925 fil-kawża fl-ismijiet **Tabone v. Borġ Olivier** (Kollez. Vol: XXVI.i.115).

15. Għalkemm dan minnu nnifsu jservi ta' gwida, din il-Qorti ma tistax tieqaf hawn, iżda għandha tara wkoll jekk permezz tal-provvediment *in eżami*, il-kwistjoni ġietx magħluqa definittivament, jew jekk tali provvediment pprovda dwar aspett jew episodju proċedurali matul il-kwistjoni, liema provvediment jista' jiġi revokat *contrario imperio*. Fil-każ odjern, jidher illi l-provvediment ma kienx wieħed definittiv ġaladarba pprovda dwar aspett proċedurali kif imqanqal mill-konvenuti bil-konsegwenza li l-kawża kellha tiġi riappuntata mal-kors taż-żmien. Fil-fatt, tant kemm il-kwistjoni *in eżami* ma kinitx waħda definittiva, l-Ewwel Qorti rriżervat li tipprovdi dwar l-ispejjeż fil-ġudizzju finali tagħha. Għalhekk, din il-Qorti hija tal-fehma illi l-provvediment inkwistjoni huwa digriet.

16. Ġaladarba huwa stabbilit illi l-provvediment tal-Ewwel Qorti huwa digriet u mhux sentenza, din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tara jekk il-proċedura għall-appell kif segwita mill-attur appellant hijiex korretta.

17. **Artikolu 229 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, *in funditus,* jirregola d-drittijiet tal-partijiet milquta b'digrieti tal-Qorti u huwa ntiż sabiex jipprovdi mezz ta' appell jew rikonsiderazzjoni minn dawk id-digrieti interlokutorji li din il-Qorti tista' tiġi mitluba tippronunzja fuq talba ta' dik il-parti interessata.

18. Fis-sentenza fl-ismijiet ***Joseph Camilleri v. Nadia Vella***,[5] ġie mtenni illi:

*"6. **L-Artikolu 229 tal-Kap 12**[6] li jikkontempla tliet tipi ta' digrieti fis-subinċiżi (1) (2) u (3) rispettivament, u ċioe`:*

*(1) **Appell minn dawn id-digrieti li ġejjin jista' jsir biss <u>wara</u> l-għoti ta' sentenza definittiva u flimkien ma' appell minn dik is-sentenza, u dawn id-digrieti ma jistgħux jiġu kontestati qabel ma tingħata ssentenza definittiva**:*

*(a) digriet dwar l-akkoljiment ta' talba għall-urġenza;*

*(b) dwar kull ordni jew direttiva skont il-provvedimenti tal-Artikolu 173;*

*(ċ) digriet dwar jekk tintlaqax jew le talba għat-tħollija tal-kawża għal data oħra skont l-Artikolu 195(3);*

*(d) digriet dwar jekk tintlaqax jew le oġġezzjoni għall-ammissjoni ta' xhud skont l-Artikolu 567;*

*(e) digriet dwar jekk tintlaqax jew le talba biex isiru mistoqsijiet lil xhud skont l-Artikolu 587;*

*(f) digriet dwar jekk tintlaqax jew le talba biex jinġiebu dokumenti skont l-Artikolu 637 ħlief jekk d-digriet ikun dwar jekk tintlaqax jew le talba biex jinġieb dokument li jkun dokument privileġġat skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 637(4);*

*(g) dwar il-ħatra ta' perit skont l-Artikolu 646;*

*(h) digriet dwar jekk tintlaqax jew le talba għall-konnessjoni ta' kawża ma' oħra skont l-Artikolu 793(1);*

*(i) digriet dwar jekk tintlaqax jew le talba għas-sospensjoni tal-għoti ta' digriet;*

*(j) digriet dwar jekk tintlaqax jew le talba għall-isfilz ta' dokument millatti ta' kawża;*

*(k) digriet dwar jekk tintlaqax jew le talba għar-revoka jew emenda ta' digriet, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu;*

[5] Deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Lulju, 2020.
[6] Kif sostitwit bl-Artikolu 113 tal-Att XXIV tal-1995.

*(l) digriet dwar jekk tintlaqax jew le talba għal konċessjoni speċjali sabiex ikun jista' jsir appell skont is-subartikolu (5);*

*(m) dwar digriet li ma jilqax talba għal waqfien fil-proċedimenti.*

*(2)* ***Id-deċizjoni tal-qorti fil-każijiet hawn taħt imsemmija għandha tingħata permezz ta' digriet li jinqara bil-miftuħ fil-qorti f'jum li jiġi debitament notifikat lill-partijiet, u jista' jsir appell minn dak id-digriet qabel is-sentenza definittiva*** *bla ħsara għall-proċedura stabbilita fis-subartikoli (4) u (5):*

*(a) digriet li jiċħad il-ħatra ta' periti addizzjonali skont l-Artikolu 674;*

*(b) digriet dwar it-trasferiment tas-smiegħ ta' kawża minn qorti oħra skont l-Artikolu 792;*

*(ċ) digriet li jiċħad is-sejħa ta' terza persuna f'kawża skont l-Artikolu 961;*

*(d) digriet li ma jilqax talba għall-urġenza;*

*(e) digriet li jordna l-waqfien tal-proċedimenti;*

*(f) digriet li jordna li jinġieb dokument li jkun dokument privileġġat skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 637(4).*

*(3) Ħlief kif provdut speċifikatament mod ieħor f'dan il-Kodiċi,* ***appell minn kull digriet interlokutorju ieħor li mhuwiex inkluż fis-subartikoli (1) u (2) jista' jsir biss qabel is-sentenza definittiva jekk il-qorti li tkun qed tittratta l-każ tagħti permess speċjali sabiex dan isir****, liema permess għandu jintalab b'rikors li jiġi preżentat fi żmien għaxart ijiem mill-jum meta d-digriet jinqara bil-miftuħ fil-qorti. Il-qorti, wara li tkun semgħet lill-partijiet, tista' tilqa' li jsir dan l-appell jekk jidhrilha li jkun aħjar u ġust li l-kwistjoni tinġieb quddiem il-Qorti tal-Appell qabel ma tingħata s-sentenza definittiva u t-terminu biex jiġi preżentat tali appell għandu jibda jgħaddi mid-data tad-digriet li bih il-Qorti tkun laqgħet li jsir dak lappell.*

*7. Id-digrieti li jissemmew f'subinċiżi (1) u (2) għandhom x'jaqsmu mal-andament ta' kawża. Il-Qorti tifhem li subinċiż (3) japplika għall-istess tip ta' digrieti, bħal per eżempju digriet dwar il-kwistjoni tal-lingwa[7]. Fis-sentenza* ***Paul Tanti et v. Sammy Mifsud*** *tad-19 ta' Novembru 2011, din il-Qorti qalet:*

*"Eżami akkurat ta' l-****Artikolu 229*** *għandu juri illi l-leġislatur b'din id-disposizzjoni ried li jirregolarizza u jirrazjonalizza meta u kif seta' jsir*

[7] F'**Steve Caruana v. Lucy May Bailey** (Appell Superjuri 26.01.2018) ġie ritenut li digriet intiż biex jirregola l-kwistjoni tal-lingwa hu digriet interlokutorju u jaqa' taħt l-Artikolu 229(3).

*appell **minn digrieti moghtija mill-Qorti mahsuba biex jiffavorixxu l-andament korrett tal-proceduri quddiemha**. Infatti l-artikolu jipprovdi għal digrieti kamerali u interlokutorji ta' kull xorta u jiddetermina jekk setax jew le jsir appell minnhom qabel l-ghoti tas-sentenza definittiva u f'dawk il-każijiet fejn digriet interlokutorju seta' jigi appellat qabel is-sentenza definittiva, id-disposizzjoni timponi proċedura li kellha tiġi segwita. Id-dispozizzjoni pero` tagħmilha cara illi dawk il-provvedimenti kienu japplikaw biss għad-digrieti msemmija fis-subinċiżi (1) u (2) ta' l-istess artikolu u ghal kull appell "minn kull digriet interlokutorju iehor li mhuwiex inkluz fis-subartikolu (1) u (2) ta' dan l-artikolu.» Dan ifisser illi jekk id-digriet ma jkunx wiehed interlokutorju (naturalment ukoll jekk jkun kamerali) – u dana kif qed jigi definit li hu id-digriet taht ezami – l-**Artikolu 229 tal-Kap 12** ma kienx applikabbli ghalih. Infatti l-inċiżi sussegwenti (4), (5) u (6) huma lkoll marbutin mad-dispożizzjoni preċedenti. Kienu allura biss japplikaw ghal dawk ix-xorta ta' digrieti imsemmija fl-inċiżi (1) u (2)"."*

19. Għalhekk **Artikolu 229 tal-Kap. 12**, jagħmel distinzjoni bejn: (i) digrieti interlokutorji u dawk definittivi, u (ii) dawk id-digrieti li: (a) ma jistax isir appell minnhom jekk mhux flimkien ma' appell mis-sentenza definittiva, (b) li jista' jsir appell minnhom qabel is-sentenza definittiva, u (c) dawk residwali illi jista' jsir appell minnhom qabel is-sentenza definittiva iżda biss bil-permess speċjali tal-qorti.[8]

20. Mir-rikors ta' appell jidher li l-attur appellant kien tal-fehma illi digriet dwar is-soprasessjoni tal-kawża jagħti lok għall-appell fit-termini ta' **Artikolu 229 (2)(e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, bil-konsegwenza illi skont **Artikolu 229 (6)** huwa kellu jippreżenta dan ir-rikors fi żmien sitt (6) ijiem li jibdew jimxu mill-jum meta d-digriet ikun inqara fil-qorti bil-miftuħ. Min-naħa l-oħra, l-appellati jisħqu illi d-digriet inkwistjoni jordna s-soprasessjoni ta' kawża ma jekwivalix għal dak ta' waqfien tal-

[8] Ara s-sentenza fl-ismijiet **GO p.l.c. v. Natalino Zammit**, deċiża mill-Qorti tal-Appell tad-29 ta' Mejju. 2015.

proċedimenti, bil-konsegwenza illi skonthom id-digriet odjern huwa wieħed residwali illi jista' jsir appell minnu qabel is-sentenza definittiva iżda biss bil-permess speċjali tal-qorti fit-termini tal-**Artikolu 229 (3) tal-Kap. 12**.

21. Din il-Qorti ma taqbilx mar-raġunament tal-appellati għaliex is-soprasessjoni fin-natura tagħha hija eċċezzjoni illi tagħti lok lill-Qorti biex tieqaf, temporanjament, milli tkompli tisma' kawża. Dan ġie kkonfermat fis-sentenza **L. Cuschieri v. Onor. Prim Ministru**,[9] kif ukoll **l-Avukat Dott. Pio M. Valletta v. Rosalie Darmanin**.[10] Għalhekk, jidher ċar illi d-digriet ta' soprasessjoni jaqa' fil-parametri ta' **Artikolu 229 (2)(e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, bil-konsegwenza li ma hemm l-ebda dubju li l-proċedura kif segwita mill-attur appellant sabiex ippreżenta l-appell tiegħu hija korretta u valida fit-termini tal-liġi.

22. Fid-dawl tal-premess, l-eċċezzjoni tal-appellati għan-nullità tal-appell inkwistjoni ma timmeritax li tiġi milqugħa, u b'hekk din il-Qorti issa ser tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravju mressaq mill-attur appellant.

23. L-Ewwel Qorti kkonsidrat li l-kawża tal-lum hija waħda li titratta klawsola ta' diżeredazzjoni nkluża fit-testment tad-defunta Vanessa Grech, konjuġi tal-attur appellant. Iżda tkompli tgħid illi, permezz ta' din

[9] Deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali, fit-12 ta' Awwissu, 1994.
[10] Deċiża mill-Qorti tal-Appell, fit-28 ta' Novembru, 2008.

il-kawża, l-attur qiegħed jitlob li jingħata lilu bħala r-raġel tad-defunta, il-porzjon riżervat skont kif trid il-liġi. Madankollu, wara li l-Ewwel Qorti rat illi d-defunta u l-attur appellant kienu għaddejjin minn proċeduri ta' separazzjoni personali quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) mibdija mid-defunta stess, kif ukoll it-talba numru erbgħa (4) tar-rikors maħluf kif ippreżentat fl-atti bin-numru 24/2021 JPG, fejn id-defunta talbet illi l-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) tapplika kontra żewġha *in toto* jew *in parte* d-dispożizzjonijiet tal-**Artikoli 48 sa 53 tal-Kodiċi Ċivili**, l-Ewwel Qorti għaddiet sabiex ikkonkludiet illi tilqa' l-eċċezzjoni tas-soprasessjoni għaliex fil-fehma tagħha huwa neċessarju li fl-ewwel lok tingħata d-deċiżjoni tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) peress li kienet konvinta li *«f'każ ta' eżitu favorevoli għar-rikorrenti hemmhekk, jiġi mxejjen kull dritt illi qiegħed jippretendi r-rikorrenti f'din il-kawża.»*

24. Permezz tal-appell odjern, l-attur iressaq aggravju wieħed, u ċjoè li *«ma kien hemm xejn, fattwalment jew legalment, li kien jimmerita jew li kien jiġġustifika l-waqfien tal-kors tal-preżenti kawża»*. F'għajnejn din il-Qorti, dan l-aggravju ma jikkonsistix *per se* fl-apprezzament ħażin tal-provi, iżda huwa iktar iffukat dwar kif l-Ewwel Qorti ma fehmitx sewwa sew l-azzjoni tal-attur bil-konsegwenza li nterpretat u applikat ħażin il-liġi relevanti.

25. Fid-dawl ta’ dan, din il-Qorti tara illi l-appell tal-attur jiffoka dwar il-fatt illi fil-provvediment tagħha, l-Ewwel Qorti ma tagħtix spjegazzjoni dwar kif il-proċeduri quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) jieħdu sopravvent fuq dawk odjerni bil-konsegwenza li dawn jitqiesu sekondarji, filwaqt li fl-istess waqt tonqos ukoll milli tispjega kif kawża ta’ natura ta’ impunjament ta’ klawsola testamentarja għandha tistenna l-eżitu ta’ proċeduri ta’ firda personali.

26. Għalhekk, l-attur appellant jgħid illi sabiex waslet għall-konklużjoni tagħha, l-Ewwel Qorti naqset milli tieħu konsiderazzjoni tal-fatti u l-liġi relevanti, b’mod partikolari għall-fatt illi l-Ewwel Qorti ma kellhiex tqis illi l-azzjoni tal-appellant kienet waħda għall-għoti awtomatiku u dirett tas-sehem riżervat, iżda kellha tinduna illi l-azzjoni tiegħu hija tabilħaqq maqsuma fi tnejn (2), u ċjoè: (i) fl-ewwel lok, in-nullità u l-inattendibilità tal-Artikolu tlieta (3) fit-testment tad-defunta Vanessa Grech bil-konsegwenza li jekk din it-talba tiġi miċħuda l-proċeduri jieqfu ħesrem, iżda, (ii) f’każ li l-ewwel talba tiġi milqugħa jsegwi għalhekk li fit-tieni lok issir il-komputazzjoni tas-sehem riżervat.

27. Sabiex isaħħaħ l-argument tiegħu, l-appellant jelenka numru ta’ sentenzi dwar il-mod kif iseħħu l-proċeduri f’kawżi tal-istess natura bħal dik odjerna. Billi għalhekk, skont l-attur, l-ewwel talba tiegħu dwar il-validità tal-klawsola fit-testment tad-defunta Vanessa Grech ġiet injorata

mill-Ewwel Qorti, u li tali talba, jew it-tematika tal-istess, żgur ma hijiex dedotta fir-rikors maħluf pendenti quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) *stante* d-differenza fil-kompetenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u l-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja).

28. Magħdud ma' dan, l-attur jgħid ukoll illi t-talbiet misluta mill-Ewwel Qorti mir-rikors maħluf fil-proċeduri ta' firda personali quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja), jagħmlu referenza għall-**Artikoli 48 sa 53 tal-Kodiċi Ċivili**, li fil-verita' ebda minnhom ma huma applikabbli jew jagħmlu referenza għas-sehem riżervat tas-superstiti fost il-konjuġi.

29. Stabbilit il-premess, jibda biex jingħad illi fir-rigward tas-soprasessjoni, fis-sentenza fl-ismijiet **Alfred Spiteri et v. Awtorità dwar it-Trasport et**,[11] ġie mgħallem illi:

> *"14. In tema legali jigi osservat li jinsab ritenut li:*
>
> > *"….huwa aċċettat li s-soprasessjoni tista' b'mod eċċezzjonali tingħata meta tali smigh fl-istess waqt ta' żewġ kawżi ma jkunx jista' jsir, iżda, billi hija eċċezzjoni għar-regola ġenerali li kull kawża għandha tinstama' sakemm tiġi maqtugħa[12], trid tingħata dejjem taħt kundizzjonijiet li għandhom ikunu serji biżżejjed biex dan isir[13]. Kemm hu hekk, ingħad saħansitra f'sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali[14], li l-eċċezzjoni tas-soprasessjoni fis-sens li l-Qorti għandha tieqaf milli tkompli tisma' kawża bħala tali, fis-sistema proċedurali tagħna, mhijiex kontemplata għaliex l-eċċezzjoni li l-Kodiċi [ta' Organizzazzjoni u] Proċedura Ċivili jikkontempla hija l-eċċezzjoni magħrufa bħala lis alibi pendens[15] u din l-*

[11] Deċiża mill-Qorti tal-Appell, fit-30 ta' Settembru, 2016.
[12] Art. 195(1) tal-Kap 12.
[13] App. Ċiv.: 28.10.1935 fil-kawza fl-ismijiet **Mifsud noe v. Abela et.** (Kollez. Vol:XXIX.i.1295).
[14] P.A. Kost.: 12.8.1994 fil-kawza fl-ismijiet **Cuschieri v. Onor. Prim Ministru et** (Kollez. Vol: LXXVIII.i.211).
[15] Kost. 20.7.1994 fil-kawża fl-ismijiet **Mifsud v. Onor. Prim'Ministru et** (Kollez. Vol: LXXVIII.i.171) u P.A. Kost LSO 21.7.2015 fil-kawża fl-ismijiet **Partit Nazzjonalista et v. Kummissjoni Elettorali et** (in parte).

*eċċezzjoni tipprospetta neċessarjament li jkun hemm żewġ kawżi għaddejjin fl-istess waqt pendenti quddiem il-qrati li jkollhom l-istess mertu;*

*"Illi huwa minħabba f'hekk li l-Qrati jqisu s-soprasessjoni bħala provvediment ordinatorju mħolli fid-dehen tal-Qorti li quddiemha titressaq talba bħal dik.*[16]

*"... Jinsab assodat ukoll fil-gurisprudenza nostrana illi s-soprasessjoni tigi ammessa biss meta tkun spedjenti, u li l-ispedjenza ma tistax tkun mera possibilita'. Maghdud dan, isegwi illi s-soprasessjoni huwa rimedju straordinarju li ghandu jigi applikat biss fejn ikun necessarju fl-interess tal-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja. [vide in materja PA* ***Sylvana Tanti vs Noel Tanti et*** *- 3 ta' April 2014].*[17]*"*

30. Għalhekk is-soprasessjoni hi ammessa meta:

a. Din tkun spedjenti fis-sens li l-kwistjoni pendenti quddiem Qorti oħra tinfluwixxi fuq il-mertu tal-azzjoni preżenti;

b. Meta l-eżitu tal-kawża li tiġi soprasseduta jkun jiddependi jew almenu jista' jkun jiddependi mill-eżitu ta' kawża oħra;

c. Irid ikun hemm lok għal soluzzjoni ta' xi punt li tiddependi minn kawża oħra;

d. Jekk il-parti l-oħra ma tkunx ser tbati preġudizzju;

[16] Ara, per eżempju, App. Ċiv. 23.6.1869 fil-kawża fl-ismijiet **German et v. Scicluna et** (Kollez. Vol: V.157); P.A. 23.1.1946 fil-kawża fl-ismijiet **Buġeja v. Żammit** (Kollez. Vol: XXXII.ii.197) u App. Kumm.: 26.3.1984 fil-kawża fl-ismijiet **Dr. Leslie Grech noe v. Dr. Emanuel Buttiġieġ et noe** (mhix pubblikata).
[17] Ara. PA **Doriz Catania et v. Evelyn Farrugia et** deciza 9 Dicembru 2015 u App.S **HSBC Bank alta plc v. Saviour Borg**, deciza 27 Mejju 2016.

e. Hu biss neċessarju fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja peress li hija rimedju straordinarju.[18]

31. B'hekk, għall-applikazzjoni tal-principji fuq ċitati, din il-Qorti tosserva li dak li għandu qabel xejn jigi eżaminat fir-riżoluzzjoni tal-vertenza *in eżami* huwa dak li qed jintalab fil-kawża odjerna u r-raġunijiet li fuqhom l-attur qed isejjes it-talbiet tiegħu u sussidjarjament, jekk ikun il-każ, dak li qed jintalab fil-kawża numru 24/2021 JPG.

32. Jiġi mtenni illi huwa ferm importanti li l-Qorti tara li x'inhu eżattament jippremetti u jitlob l-attur li jibda azzjoni quddiemha, għax kif inhuwa risaput, in-natura tal-azzjoni neċessarjament titnissel mill-kliem adoperati fir-rikors maħluf u t-talbiet dedotti fih.[19] Fis-sentenza fl-ismijiet **Carmelo Cassar v. Victor Zammit**,[20] ingħad illi:

> *"Hu maghruf u anke accettat in linea ta' principju generali, illi n-natura u l-indoli tal-azzjoni ghandhom jigu dezunti mit-termini tal-att li bih jinbdew il-proceduri [Kollez.Vol.XLII.86]. Hi wkoll regola procedurali, sostnuta mill-gurisprudenza li l-kawzali tad-domanda ossia, ir-raguni guridika tat-talba, oltre li ghandh tigi mfissra car u sewwa, ma tistax tigi mibdula jew aggunta u l-Qorti ghandha toqghod ghat-talba kif tkun giet imfissra fl-att tac-citazzjoni [Kollez. Vol.XXXIV.85] Dan b' mod li l-qorti ma tistax tiddecidi fuq xi dritt iehor li jkun jirrizulta, anke ghaliex kif ritent, 'mhux lecitu li kawza tigi maqtugha fuq kawzali differenti minn dik espressa fic-citazzjoni [Kollez.Vol.XLV.II.777]"*

[18] Ara s-sentenza fl-ismijiet **Carmelo Stivala Group Ltd (C-62625) v. Maria Carmela *sive* Marlene Borg noe et**, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fid-19 ta' Ottubru, 2016 (mhux appellata).

[19] Ara s-sentenza fl-ismijiet **Nikol Borg v. Segretarju Permanenti fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru**, deċiża mill-Qorti tal-Appell, fis-27 ta' Jannar, 2006.

[20] Deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), fit-23 ta' Ġunju, 2004.

33. Sabiex tifhem aħjar, din il-Qorti ħarset lejn ir-rikors maħluf tal-attur appellant u minn qari tal-premessi li jikkostitwixxu r-raġunijiet tat-talbiet tal-attur, jirriżulta illi l-attur mhux qed jillimita l-kawżali tiegħu għall-għoti tas-sehem riżervat skont il-liġi (talbiet numri 2 sa 7), iżda qed jattakka u jitlob ukoll l-invalidità tat-tielet (3) Artikolu fit-testment ta' martu tal-4 ta' Ġunju, 2020 u dan fid-dawl tal-**Artikolu 638 (b) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta** (talba numru 1). Dan jirriżulta mill-premessi numru 3 sa 6, b'dana illi l-iskop aħħari wara din l-azzjoni jiġi kristallizzat fi premessa numru 7 fejn l-attur jispjega illi din il-kawża saret sabiex fl-ewwel lok l-attur jiġi ri-integrat fil-jeddijiet tiegħu skont il-liġi u wara jiġu akkordati lilu dawk id-drittijiet anċillari u/jew aċċessorji.

34. Għalhekk, filwaqt li l-Ewwel Qorti kienet korretta meta saħqet illi l-kawża odjerna titratta klawsola ta' diżeredazzjoni, min-naħa l-oħra, din il-Qorti ma tistax tifhem kif imbagħad hija njorat il-fatt illi l-attur appellant permezz tal-ewwel talba tiegħu qiegħed tabilħaqq jattakka l-validità tal-artikolu kif misjub fit-testment ta' Vanessa Grech dwar id-diżeredazzjoni, u kkonsidrat biss li l-attur qiegħed jitlob is-sehem riżervat. Dan ma huwiex korrett. Mill-qari tat-talbiet kif imniżżla fir-rikors maħluf tal-attur appellant, jidher ċar illi t-talbiet tal-attur isegwu lil xulxin, fejn fl-ewwel lok l-appellant qiegħed jattakka l-artikolu tat-testment inkwistjoni u jekk dan ikun fl-affermattiv, huwa jingħata s-sehem riżervat.

35. Fid-dawl tal-premess, l-attur għandu raġun meta jsostni li l-Ewwel Qorti, erronjament, ma ratx sewwa kif inhi mibnija l-azzjoni tal-attur. Dan għalhekk iwassal lil din il-Qorti sabiex tevalwa mill-ġdid, jekk it-talbiet *kollha* tal-attur *vis-à-vis* il-kawża bin-numru 24/2021 JPG, is-soprasessjoni hijiex neċessarja fid-dawl tat-tagħlim tal-Qrati tagħna kif enunċjati iktar 'il fuq.

36. Ma hemm l-ebda dubju, anke *a prima facie*, illi hemm distinzjoni bejn in-natura tal-kawża odjerna u dik quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja). Kif ingħad iktar 'il fuq, l-azzjoni odjerna hija bbażata fl-ewwel lok fuq il-validità tal-Artikolu tlieta (3) fit-testment ta' Vanessa Grech, u konsegwentament l-għoti tas-sehem riżervat skont il-liġi, filwaqt li min-naħa l-oħra l-azzjoni quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja), hija għall-firda personali bil-konsegwenza li jiġu regolati l-effetti konsegwenzjali, fosthom is-sanzjonijiet kontemplati fil-liġi lill-parti responsabbli għat-tifrik taż-żwieġ.

37. L-Ewwel Qorti, fid-digriet tagħha, għamlet referenza għat-talba ta' Vanessa Grech sabiex jiġu applikati *in toto* jew *in parte* s-sanzjonijiet fil-konfront ta' żewġha, *qua* attur appellant. Madankollu għal xi raġuni ma ratx illi **Artikolu 48 sa Artikolu 53 tal-Kodiċi Ċivili**, u d-dispożizzjonijiet tal-liġi li ssir referenza għalihom fl-imsemmija artikoli, ma jagħmlu l-ebda referenza, b'mod partikolari għas-suċċessjoni u s-sehem riżervat tal-parti

telliefa nnifisha. Għalhekk jidher ċar illi mas-separazzjoni, a kuntrarju meta jkun hemm kwistjoni ta' divorzju, li wieħed jitlef id-dritt li jiret lill-parti l-oħra, ma huwiex awtomatiku. Għalhekk kwistjoni ta' din in-natura trid tiġi deċiża mill-Qorti u dan fuq talba *ad hoc* ġaladarba ebda dispożizzjoni tal-liġi ma tispeċifika dan, u l-Qorti ma tistax minn rajha tiddeċiedi dwar din il-kwistjoni għaliex inkella tkun qed taġixxi lil hinn mid-diskrezzjoni tagħha bil-konsgwenza li tkun qed tiddeċiedi *ultra vires*.

38. Minn ħarsa lejn ir-rikors maħluf ta' Vanessa Grech ippreżentat quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja), jidher li din lanqas ma talbet illi f'każ li żewġha jinstab ħati tal-firda personali huwa jitlef id-dritt li jiritha. Flimkien mat-talba tagħha għall-applikazzjoni tal-**Artikoli 48 sa 53 tal-Kodiċi Ċivili** fil-konfront ta' żewġha, Vanessa Grech talbet biss illi: (i) tiġi stabbilita d-data minn meta żewġha għandu jiġi kkonsidrat ħati għat-tifrik taż-żwieġ u ddekada mill-jeddijiet imsemmija fl-istess artikoli tal-liġi, (ii) żewġha jitlef mhux biss kull jedd għan-nofs tal-akkwisti li saru mid-data stabbilita mill-Qorti li żewġha rrenda ruħu ħati tal-firda, kif ukoll dawk il-kontributi taż-żewġ partijiet skont Artikolu 3 tal-Kodiċi Ċivili, u (iii) żewġha tilef id-dritt li jitlob manteniment mingħand martu. Għalhekk ma hemm l-ebda dubju illi fil-kawża għall-firda personali Vanessa Grech qatt ma talbet illi l-kwistjoni tas-suċċessjoni tiġi regolata.

39. Billi għalhekk, l-attur għandu wkoll raġun meta jsostni illi l-azzjoni proposta minnu ma taffetwax l-andament tal-kawża quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja). Anke jekk *ex ipotesi*, id-deċiżjoni tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) tordna li jiġu applikati s-sanzjonijiet kontemplati f'**Artikolu 48 *et seq*** u *in toto* fil-konfront tal-attur, xorta waħda l-Ewwel Qorti għandha tkompli tisma' l-provi fil-mertu dwar il-validità *o meno* tal-Artikolu tlieta (3) tat-testment ta' Vanessa Grech sabiex jiġi determinat jekk l-attur għandux dritt għall-porzjon riżervat mill-wirt ta' martu.

40. Għalhekk, l-aggravju tal-attur huwa fondat u qiegħed jiġi milqugħ.

**Deċide**

Għar-raġunijiet premessi din il-Qorti tilqa' l-appell tal-attur, tirrevoka d-digriet appellat, u tordna l-prosegwiment tal-kawża mill-Ewwel Qorti, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi jkunu a karigu tal-konvenuti konjuġi Bondin.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm